MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Lulju 2016**

**Kumpilazzjoni nru. 393/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Shiling Fadi**
**(Kummissjoni tar-Refugjati numru 19365)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Shiling Fadi** talli nhar is-27 ta' Lulju 2016 bejn is-siegha u s-saghtejn ta' filghodu (01:00 – 02:00 Hours), fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Martina Bugeja f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martina Bugeja hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Myranda Attard M.D. bin-numru tar-registru mediku 3554 mill-Isptar Mater Dei;

2. Ikkometta serq ta' telefon cellulari minn gewwa l-istabbiliment 'King's Own' li jinsab Triq ir-Repubblika, Valletta, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett

mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Roberta Preca u/jew ta' persuna/i ohra;

3. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Roberta Preca, Martina Bugeja u Yan Agius sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliki, fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni ta' Roberta Preca, Yan Agius u Martina Bugeja bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-istess imputazzjonijiet.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in kosiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 216, 261, 270, 279, 338 (dd), 338 (ee), 338 (ff) u 339 (1) (d), tal-Kodici Kriminali u artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Shiling Fadi ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum. Inoltre l-Qorti qieghdha wkoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebghau erbghin centezmu (€116.47).**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien erba' (4) snin.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-istrument esebiti bhala Dok DB 6.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur